12 ta' Frar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Anthony Abela ne. *versus* Maria Attard et.

## Bejgħ — "Hire-Purchase System"

*Il-bejgħ bil-patt tad-dominju riżervat huwa validu.*

*Fil-vendita bil-patt tar-riżerva tad-dominju, l-istess patt jattribwixxi lill-venditur il-fakoltà li jirritarda t-trasmissjoni tal-proprjetà tal-ħaġa mibjugħa sal-mument meta javvera ruħu fatt, jew jgħaddi ċertu żmien; u malli dak il-fatt jivverifika ruħu, jew jgħaddi dak iż-żmien, ma jkunx hemm bżonn ta' manifestazzjoni oħra ġdida tal-volontà, jew xi attività oħra mill-parti tal-kontraenti, jew ta' xi ħadd ieħor, sabiex tavvera ruħha t-trasmissjoni tal-proprjetà.*

*Sakemm ma javverax ruħu l-fatt kontemplat, jew jgħaddi ż-żmien stabbilit, il-venditur jibqa' l-proprjetarju tal-ħaġa li tkun iffurmat l-oġġett tal-kuntrattazzjoni bil-patt tar-riżerva tad-dominju.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attur nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha opportuni u l-provvedimenti li trid il-liġi, peress illi b'mandat ta' qbid fl-ismijiet "Maria Attard vs. John Attard", maħruġ minn din il-Qorti fil-5 ta' Jannar 1957, il-konvenuta Maria Attard otteniet il-

qbid mill-poter tal-konvenut John Attard ta' karrozza "Buick" numru 700, kif jidher mir-riferta relativa għall-istess mandat, li kopja legali tagħha hija hawn annessa (dok. A); u peress illi l-istess karrozza ma hijiex ta' proprjetà tal-konvenut, imma tad-ditta attriċi, li għamlet mal-konvenut kuntratt ta' "hire purchase"; skond liema, il-proprjetà tal-karrozza tibqa' tal-attur nomine sakemm isir il-pagament tar-rati kollha — ħaġa li għadha ma saretx, kif jidher mill-kuntratt dok. B eżibit bl-animu li jiġi ritirat il-quddiem; talab li, prevja, okkorrendo, id-dikjarazzjoni illi l-imsemmija karrozza hija attwalment ta' proprjetà tad-ditta attriċi, tiġi minn din il-Qorti revokata l-eżekuzzjoni tal-imsemmi mandat tal-qbid maħruġ fil-5 ta' Jannar 1957, fl-ismijiet "Maria Attard vs. John Attard", in kwantu jik-kolpixxi l-imsemmija karrozza "Buick" numru 700. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti jew min minnhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jirriżulta li l-konvenuta Maria Attard otteniet kontra l-konvenut l-ieħor John Attard minn din il-Qorti, fil-5 ta' Jannar 1957, mandat ta' elevazzjoni; u fost l-oġġetti u ħwejjeġ elevati ġiet maqbuda l-motor car "Buick" nru. 700, kif jidher mill-kopja Dokument "A" fol. 5 u 6 tal-proċess, taħt in-numru 32. Jirriżulta wkoll lil-karrozza tan-nar fuq imsemmija kienet iffurmat oġġett tal-kuntrattazzjoni ta' bejgħ bejn id-ditta attriċi u l-eżekutat John Attard, li saret fl-4 ta' Marzu 1956, bil-patt rikonox-xut bħala dak ta' "reservati dominii", suġġett għall-kunsens tal-venditur jew "donec proetium solvatur". Jidher ukoll ammess mill-eżekutat John Attard li huwa għadu ma ħal-lasx ir-rati kollha pattwiti fil-kuntratt (dok. fil-fol. 8 tal-proċess). In konsegwenza, id-ditta attriċi qegħedha titlob ir-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat "de quo dicimus", re-lativament u limitatament biss għall-karrozza in kwistjoni; l-għaliex tirritjeni li hija proprjetarja tal-istess karrozza;

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx kwistjoni l-lum, għalkemm fid-dottrina fl-imgħoddi kien hemm xi opinjonijiet kuntrarji, li l-bejgħ bil-patt tad-dominju riżervat huwa validu (ara Pipia, Diritto Commerciale, Vol. IV, paġ. 83, para. 108; Vivante, Diritto Commerciale, Vol. IV, paġ. 127, para 1643; Troplong, Vendita, para. 54; Pacifici Mazzoni, Vendita, Vol. I (Vol. XII tat-Trattat), paġ. 233, in part, paġ. 236 u nota 3: Appell 8 ta' Frar 1935, "Negte, Alfredo Muscat ne. vs. Giuseppe Bonnici et.", Vol. XXIX, paġ. 89). Del resto, il-liġi tagħna, bħal kodiċijiet oħra, furzata minn natura tal-ħwejjeġ, kellha tammetti l-pjena validità ta' dawn il-venditi, li dwarhom, mentri huwa indiskutibbli l-perfezzjonament bħala konvenzjonijiet obligatorji, ma jistax jivverifika ruħu l-passaġġ tal-proprjetà kontemporaneament mal-istipulazzjoni tal-kuntratt, bħal ma huwa l-każ tal-vendita bil-piż, numru jew miżura, id-differiment tal-konferimenti f'kuntratt ta' soċjetà, id-differiment fil-godiment ta' kuntratt ta' lokazzjoni, fil-vendita ta' ħwejjeġ f'kuntratt alternativ. Huwa prinċipju li l-libertà pjena tal-kuntrattazzjonijiet ma tistgħax ħlief issib limitazzjoni fil-liġijiet pożittivi, jew f'dawk li jirrigwardaw l-ordni publiku jew il-bwoni kostumi;

Ikkunsidrat;

Illi fil-vendita bil-patt tar-riżerva tad-dominju, l-istess patt jattribwixxi lill-venditur il-fakoltà li jirritarda t-trasmissjoni tal-proprjetà tal-ħaġa mibjugħa sal-mument meta javvera ruħu fatt, jew jgħaddi ċertu żmien; u malli dak il-fatt jew żmien jivverifika ruħu, ma jkunx hemm bżonn ta' manifestazzjoni oħra ġdida tal-volontà, jew xi attività oħra mill-parti tal-kontraenti jew xi ħadd ieħor, sabiex tavvera ruħha t-trasmissjoni tal-proprjetà. Minn dan jitnissel li sakemm ma javverax ruħu l-fatt kontemplat, jew jgħaddi ż-żmien stabbilit, il-venditur jibqa' l-proprjetarju tal-ħaġa li tkun ġiet iffurmat oġġett tal-kuntrattazzjoni tal-bejgħ bil-patt fuq imsemmi;

Illi fil-każ in diżamina ġie pattwit li "It is understood and agreed that the said Buick Sedan shall remain the sole property of the seller (ditta attriċi), and it shall not be lawful for the buyer (l-eżekutat) to sell, transfer or assign the said vehicle to any person or persons, without the previous consent of the seller, or until the purchase price agreed to above is fully paid". Skond il-fehma tal-partijiet, li hija l-interpretazzjoni li għandha tkun sovrana, l-eżekutat ma setgħax ibiegħ, jekk ma jkunx ħallas ir-rati kollha, bla kunsens tal-venditur, li hija affermazzjoni tad-dominju tal-istess venditur, jew, alternativament, jekk ma jkunx ħallas ir-rati kollha; f'liema kontinġenza, dak il-kunsens ma kienx ikun hemm loku, l-għaliex il-ħaġa tkun għaddiet awtomatikament bil-ħlas intier fid-dominju tiegħu skond l-istipulat;

Illi mill-provi u attijiet tal-kawża jirriżulta li l-eżekutat ma talabx ebda kunsens biex ibiegħ, u lanqas ħallas ir-rati kollha; b'mod li l-ħaġa in diskussjoni għadha ma ġietx trasferita lilu, u għadha ta' proprjetà tad-ditta attriċi;

Illi, kwindi, it-talba għar-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat imsemmi hija ġustifikata, salvi r-rapporti bejn id-ditta attriċi u l-eżekutat in forza tal-istipulat;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi; bl-ispejjeż kollha għall-eżekutat.